

## DEĊIJONIJIET

### DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/756

tat-13 ta' April 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK (¹).
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konkużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russia kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tibqa' impenjata li żżomm u żżid il-pressjoni kollettiva fuq ir-Russia, inkluż permezz ta' miżuri restrittivi ulterjuri possibbli.
- (4) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li żewġ entitajiet responsabbi għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (5) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implementati ċerti miżuri.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emadata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2023.

Għall-Kunsill  
Il-President  
J. ROSWALL

¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

## ANNESS

L-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"210.	Wagner Group (bir-Russu: Группа Вагнера) magħruf ukoll bħala: Vagner Group PMC Wagner Liga League	Individwi assoċjati: Dimitriy Utkin; Yevgeniy Prigozhin	Wagner Group huwa entità militari privata mhux inkorporata bbażata r-Russja, li ġiet stabbilita fl-2014 bħala organizzazzjoni suċċessur ta' Slavonic Corps. Huwa mmexxi minn Dimitriy Utkin u ffinanzjat minn Yevgeniy Prigozhin. Permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet lokali, u bl-appoġġ tal-gvernijiet lokali, Wagner Group jiffinanzja u jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu. Wagner Group mexxa l-attakki kontra l-bliet Ukreńi ta' Soledar u Bakhmut f-Jannar 2023 u qed jipparteċipa b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Wagner Group huwa responsabbi għal appoġġ materjali għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	13.4.2023
211.	RIA FAN magħrufa wkoll bħala: FNA Federal News Agency LLC RIA FNA	Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation  Data tar-reġistrazzjoni: 11.5.2014  Sit web: <a href="http://www.riafan.ru">www.riafan.ru</a>  Individwu assoċjat: Yevgeniy Prigozhin  Entitajiet assoċjati: Patriot Media Group; Wagner Group.	RIA FAN hija parti minn Patriot Media Group, organizzazzjoni tal-media Russa li l-Bord tal-Fiduċjarji tagħha huwa mmexxi minn Yevgeniy Prigozhin. RIA FAN hija involuta fi propaganda favur il-gvern u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. RIA FAN tirreferi għall-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja kontra l-Ukrajna bħala missjoni biex twaqqaf in-"Nazisti Ukreńi" u tippromwovi azzjonijiet li jitwettqu minn Wagner Group. Għalhekk, RIA FAN hija responsabbi għal appoġġ materjali għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. RIA FAN hija assoċjata wkoll ma' Patriot Media Group.	13.4.2023"